# LIL NINU CREMONA

*F'egħluq il-85 sena ta' għomru*
*27 ta' Mejju* 1965

*Ta' ALFRED M. PREVI, O.P.*

Xħin kont qed nara l-jum inin fl-għaxija,
U l-lejl qed joqrob, biex bi star sewdieni
Lill-ħlejjaq joftom minn kull ġmiel, kull dija,
Il-ħajja mietet, u ġo moħħi ġieni

Il-ħsieb ta' dawk li ntemmu qabli u baqa'
Il-baħħ biss ta' ħajjithom. Imma lilek
It-tmiem ma jtemmek qatt, għax mhux se jaqa'
Esħeħ mir-rħam u l-bronż Mafkar għemilek.

Il-ħsieb li tnissel f'qalbek miż-żgħożija
Minqux narawh illum fuq qalb dil-Gżira,
Għax inti bnejt Ilsienha, biex Maltija
Tkun Malta u t'ilsna oħra qatt ilsira.

Flimkien ninsġulek klila rand, henjin
Li int illum għalaqt Ħamsa w Tmenin.